MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 931/2008

**HSBC Bank Malta plc C3177**

**vs**

**Diane Catherine Cutajar ID 59304(L) u**
**Paul Cutajar ID 173261M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fis-17 ta' Settembru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-konvenuta Diane Catherine Cutajar hija debitrici tas-societa attrici fl-ammont ta' Euro 46861.11 rappresentanti l-ammont dovut mill-konvenuta n-kwantu ghal Euro 44486.59 fuq "overdraft account" no. 078038650-340 u n-kwantu ghal Euro2374.52 fuq "overdraft account" nu. 0780386650-341;

Illi l-konvenut Paul Cutajar huwa debitur tal-bank fl-ammont ta' Euro41928 bl-imghax mill-5 ta' Novembru 2007 rappresentanti l-ammont dovut skond garanzija moghtija mill-istess Paul Cutajar datat 16 ta' Jannar 2007 n-konnessjoni mal-ammont dovut mill-konvenuta Diane Catherine Cutajar;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut l-konvenuti ma hallsux l-ammont dovut;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba sa fejn jaf l-esponent;

L-esponent jaf dawn il-fatti personalment minn ezami tad-dokumenti;

Talab lill-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundanna lil konvenuta Diane Catherine Cutajar biex thallas lir-rikorrent l-ammont ta' Euro46861.11 (sitta u erbghin elf tmien mija wiehed u sittin euro u hdax il-centezmi) dovut kif fuq spjegat;

3. tikkundanna lil konvenut Paul Cutajar bhala garanti solidali ta' Diane Catherine Cutajar sabiex ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' Euro41,928 (wiehed u erbghin elf disa mija tmienja u ghoxrin euro) bl-imghax mill-5 ta' Novembru 2007;

Bl-ispejjes ikluzi dawk ta zewg ittri bonarji datati 5 ta' Mejju 2008 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li hu minn issa ngjunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat l-affidavit tal-bank attur u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjhin tlett darbiet lanqas ma dehru;

Semghet lil P.L. Adrian Borg, ghall-bank attur, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008 jiddikjara illi l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa it-tieni u it-tielet t-talbiet tal-bank attur u hekk tikkundanna lill konvenuta Diane Catherine Cutajar biex thallas lill-bank attur l-ammont ta' Euro46861.11 (sitta u erbghin elf tmien mija wiehed u sittin euro u hdax il-centezmi) u tikkundanna ukoll lill- konvenut Paul Cutajar bhala garanti solidali ta' Diane Catherine Cutajar sabiex ihallas lill-bank attur l-ammont ta' Euro41,928 (wiehed u erbghin elf disa mija tmienja u ghoxrin euro) bl-imghax mill-5 ta' Novembru 2007;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------